# Fuq il-Karozza tal-Linja

Nhar is-Sibt li għadda ommi kellha bżonn tmur tixtri ftit ħwejjeġ mill-Belt. Minħabba li hi ma ssuqx morna nistennew il-karozza s-Saqqajja.

Wara ftit ħin waslet karozza tal-linja vojta. Dritt tlajna fiha u ħallasna n-noll. Għalkemm ma kienx hemm ħafna nies fiha ma domniex ma tlaqna. Wara ftit wasalna ħdejn *stage*. Serbut ta' nies kienu qed jistennew il-karozza tal-linja. F'daqqa waħda l-karozza kienet mimlija sa ruħ ommha.

Warajna kien hemm żewġ nisa tad-dar li bdew iseksku fuq in-nies. Għall-kuntrarju wieħed maġenbna kellu rasu mgħazza fi ktieb. Żewġt irġiel ta' quddiemna, ħoxnin u bil-mustaċċi, qajmu argument sħun fuq logħba futbol.

F'ħin minnhom ma kienx hemm fejn taqa' labra. Kien hemm ukoll passiġġieri bil-wieqfa. Ir-rassa kompliet tiżdied u kien hemm qtugħ ta' nifs. Mara xiħa li kienet għadha kif telgħet sabet ruħ tajba li ċeditilha postha.

Kulħadd deher imdejjaq bir-rassa. Il-vjaġġ kien twil u l-iskossi ma naqsux. Ta' warajna baqgħu iqasqsu fuq dik u fuq l-oħra. Kien hemm ġenn sħiħ. X'ħin wasalna kulħadd ħa r-ruħ.

Għalkemm il-karozza tal-linja hi mezz ta' trasport importanti, jien nippreferi nuża l-karozza ta' missieri biex nivvjaġġa.

(Composition taken from a past MALTESE Junior Lyceum Entrance Examination Paper into Form 1.)